



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2022/0386 (NLE)

15347/22
ADD 2

TRANS 750
RELEX 1612

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHEM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA BIT-TRIQ fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

ABBOZZ

**DEĊIJONI NRU 2/2022
TAL-KUMITAT KONĠUNT
STABBILIT BIL-FTEHEM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBLIKA
TAL-MOLDOVA DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA BIT-TRIQ**

ta'...

fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

¹ ĠU UE L 181, 7.7.2022, p. 4.

Billi:

- (1) Il-Kumitat Konġunt adotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu skont id-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-[15 ta' Diċembru 2022].
- (2) Kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), il-Ftehim għandu japplika sal-31 ta' Marzu 2023.
- (3) Kif stabbilit fl-Artikolu 6(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa' mhux iktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim sabiex jivvaluta u jiddeċiedi dwar il-ħtieġa għall-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu.
- (4) Il-monitoraġġ tal-Ftehim wera li pprovda beneficiċji f'termini ta' kummerċ kemm għall-Unjoni Ewropea kif ukoll għar-Repubblika tal-Moldova, u li ż-żieda fis-servizzi tat-trasport bit-triq kienet ta' beneficiju wkoll għall-operaturi tat-trasport bit-triq taż-żewġ partijiet.

- (5) Il-Ftehim ippermetta lir-Repubblika tal-Moldova tibda tidderieġi mill-ġdid il-kummerċ tagħha lejn l-Unjoni Ewropea u għalhekk ikkontribwixxa għall-integrazzjoni progressiva tal-ekonomija tal-Moldova fl-ekonomija tal-Punent. Flimkien ma' ftehim komparabbi dwar it-trasport bit-triq iffirmat mal-Ukrajna, dan iffaċilita wkoll l-esportazzjoni ta' merkanzija Ukrena, u kkontribwixxa għall-Korsiji ta' Solidarjetà.
- (6) L-estensjoni tal-Ftehim jenħtieġ li tintiehem bħala kontribut ukoll għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
- (7) Għalhekk huwa xieraq li l-Ftehim jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Kontinwazzjoni tal-Ftehim

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq huwa b'dan estiż sat-30 ta' Ġunju 2024.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Kongġunt

Il-Kopresidenti